

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 120/2011

tal-21 ta' Ottubru 2011

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2011 tat-30 ta' Settembru 2011 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2011 tad-19 ta' April 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 66zab (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006) tal-Anness XIII tal-Ftehim:

**— 32011 R 0390:** Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2011 tad-19 ta' April 2011 (ĠU L 104, 20.4.2011, p. 10)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 390/2011 bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2011, sakemm in-notifik kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE <sup>(\*)</sup>

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Kurt JÄGER*

<sup>(1)</sup> ĠU L 318, 1.12.2011, p. 42.

<sup>(2)</sup> ĠU L 104, 20.4.2011, p. 10.

<sup>(\*)</sup> L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.